MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1875/1995/1

**Rita Bonello f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Gilmore**

**vs**

**Joseph Bonello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar l-4 t'Awissu 1988 (Dok. "A").

U illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieled tifel minuri bl-isem ta' Gilmore (Dok. "B").

U illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, ingurji gravi u nkompatibbilta' ta' karattru da parti tal-konvenut.

U illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet numru 1076/1995 (Dok. "C").

Illi l-istes attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' l-attrici minn mal-konvenut.

2. Takkordalha l-kura u l-kustodja tal-minuri binhom Gilmore.

3. Takkorda lilha u lil binha Gilmore dak il-manteniment xieraq skond il-ligi.

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'ishma ndaqs bejniethom.

5. Tordna li d-dar *"Gilmore House"*, *Carmel Street, Fgura* tigi zgumbrata minn terzi peress li l-konvenut ma seta' qatt jassenjaha jew jghabbiha b'xi forma ta' titolu legali favur terzi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici Rita Bonello datata 16 ta' Mejju 1996 li permezz taghha esebiet ic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri u c-Certifikat taz-Zwieg taghha kif giet mitluba taghmel b'digrieti tal-Qorti tal-14 ta' Novembru 1995 u tas-6 ta' Mejju 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-8 ta' Novembru 1996 a fol. 19 fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa minnu illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibli, imma dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici, konsistenti f'adulterju, eccessi sevizzi u ngurji gravi fil-konfront ta' zewgha l-konvenut.

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni li l-kura u kustodja ta' Gilrnore tigi fdata f'idejn ommu.

3. Illi fit-tielet lok l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment id-dekadenza mill-mantenirnent, ghandhom jigu applikati kontra l-attrici li rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' zewgha ta' l-agir hawn fuq imsemmi.

4. Illi, fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jsib ebda oggezzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tinqasam bejn il-partijiet f'partijiet ugwali.

5. Illi, fil-hames lok, il-fond bl-isem *'Gilmore'*, li jinsab gewwa *Carmel Street, Fgura*, huwa proprjeta' parafernali tal-konvenut, u ghalhekk il-hames talba attrici ghandha tigi michuda.

6. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbali tas-17 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tal-24 t'April 1997; tal-10 ta' Gunju 1997; tat-8 ta' Lulju 1997; tad-9 t'Ottubru 1997; tad-19 ta' Jannar 1998; tas-17 ta' Marzu 1998; tat-2 ta' Lulju 1998; tat-22 ta' Jannar 1999; tal-24 ta' Marzu 1999; tat-2 ta' Lulju 1999; tal-20 ta' Jannar 2000; tal-1 ta' Gunju 2000; tal-4 ta' Dicembru 2000; tat-18 ta' Gunju 2001; tas-26 ta' Novembru 2001; tat-22 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif

prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-23 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono u ordnatilha tirritorna l-process, u kkancellat il-kawza a spejjez attrici.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda minnha migbura.

Rat ir-rikors tad-29 t'Ottubru 2002 tal-attrici Rita Bonello fejn talbet biex il-kawza terga' tigi riappuntata ghas-smiegh u titkompla, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tat-30 t'Ottubru 2002 b'dan li nghata digriet affidavits b'terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-konvenut mid-data tan-notifika tar-riappuntament tal-kawza.

Rat il-verbali tal-11 ta' Frar 2003 fejn Dr. Reno Borg ghall-attrici filwaqt li ta ruhu b'notifikat bl-avviz tar-riappuntament tas-smiegh tal-kawza, iddikjara li ma jafx jekk fil-fatt il-konvenut ghandux introjtu jew le, u li l-komunjoni tikkonsisti principalment fid-dar matrimonjali. Fuq talba ta' Dr. Reno Borg, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni istitwita mill-attrici fejn qed tallega li l-konvenut kien hati versu taghha t'adulterju u ngurji gravi apparti nkompatibilta` ta' karattru. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijit kienu diga` sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Mejju 1990 li jinsab esebit a. fol. 53 tal-process izda wara kienu rrikonciljaw u ghamlu xi zmien jghixu flimkien izda jidher li f'Gunju 1993 rega` qam dizgwid bejn il-partijiet u regghu isseparaw *de facto* fejn jidher li l-konvenut baqa` jghix fid-dar matrimonjali mentri l-attrici marret tghix ghal rasha.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax pruvat li l-konvenut ikkommmetta adulterju fil-konfront ta' l-attrici pero' jirrizulta li z-zewg partijiet kienu hatja ta' ngurji gravi reciproci u wkoll li minhabba nkompatibilta' ta' karattru, z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ghalhekk din is-separazzjoni personali ghandha tigi pronunzjata ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi m'hemmx oggezzjoni mill-konvenut ghat-tieni talba attrici li l-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja ta' l-attrici.

Illi dwar it-tielet talba ghall-manteniment ghall-istess attrici u binha t-talba attrici ghall-manteniment qed tigi michuda b'applikazzjoni anke ta' l-art. 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolari l-applikazzjoni ta' l-art. 48 (c) ta' l-istess Kap, b'dan ukoll l-istess provizjonijiet ta' l-imsemmi artikolu ghandhom ukoll jigu applikati fil-konfront tal-konvenut.

Illi dwar it-talba ghall-manteniment ghall-minuri ghalkemm jidher li l-konvenut ghandu l-obbligu *di piu*, bhall–attrici li jmantni lill-minuri, pero` peress li ma giex pruvat li l-konvenut ghandu xi forma t'impjieg, tali talba llum ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar ir-raba talba l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkswist I u dan b' effett minn Gunju 1993 u dwar il-likwidazzjoni ta' l-istess, fl-opinjoni tal-Qorti ma ngabux provi li l-istess komunjoni tikkonsisti f'xi oggetti ta' valur u ghalhekk m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, u dan ukoll in vista tal-fatt li l-partijiet kienu diga` qasmu dak li kellhom jaqsmu permezz tas-separazzjoni bonarja li kienet saret fit-30 ta' Mejju 1990 qabel ma rrikonciljaw u regghu nfirdu u wara ghamlu l-kawza odjerna.

Illi dwar id-dar matrimonjali mill-provi prodotti jirrizulta li din tappartjeni lill-konvenut u hija propjeta` parafernali tieghu u kull dejn li kien hemm fuqha jidher li thallas mill-introjtu tieghu u ghalhekk din il-Qorti thoss li ll-attrici m'ghandha l-ebda dritt ghall-istess dar u wkoll ma thossx

li ghandha tapplika d-dispozizzjonijiet ta’ l-art. 55 (a) tal-Kap. 16 fil-konfront ta’ l-attrici.

Illi ghar-rigward il-hames talba l-Qorti thoss li din ghandha tigi michuda *stante* li abbazi tal-provi prodotti din m’ghandha l-ebda fondament legali.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa`** ***in parte*** **l-ewwel eccezzjoni, it-tielet eccezzjoni, il-hames eccezzjoni**, u tichad l-eccezzjonijet kollha l-ohra, inkwantu l-istess jikkontrastaw ma’ dak deciz, u filwaqt li tichad il-hames talba attrici, **tilqa` t-talbiet l-ohra attrici**, biss fis-sens u kif hawn deciz b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ l-attrici minn mal-konvenut u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet minhabba ngurji gravi pprattikat minn kull parti versu l-ohra u wkoll minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattri li rrenda l-hajja konjugali bejn il-partijiet impossibbli, b’dan li tali zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Takkordalha l-kura u l-kustodja tal-minuri binhom Gilmore lill-attrici.

3. Tichad it-talba sabiex takkorda lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi u dan peress li l-Qorti qed tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet, id-dispozizzjonijiet ta’ l-art. 48 tal-Kap. 16.

Illi dwar il-manteniment tal-minuri ghalkemm jigi dikjarat li l-konvenut ghandu obbligu, bhalma ghandha l-attrici li jmantni lill-istess minuri, din il-Qorti ma tistax tillikwida tali ammont ta’ manteniment *talvolta* pagabbli mill-konvenut peress li mill-provi ma rrizultax li l-konvenut ghandu xi forma ta’ mpjieg jew introjtu. .

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett minn Gunju 1993 u peress li m’hemm xejn x’jigi likwidat fl-istess komunjoni ta’ l-akkwisti jsegwi li

m'henmm xejn x'jigi diviz bejn il-partijiet, anke in vista ta' dak fuq premess  u deciz.

5. Tichad din it-talba *stante* li tali dar 'Gilmore House' Carmel Street, Fgura, hija proprjeta` parafernali tal-konvenut u *di piu*` din il-Qorti ma thossx li in vista ta' din id-decizjoni, l-attrici ghandha xi dritt fuq l-istess dar, u ma thossx li l-art. 55 A ghandu jigi applikat fil-konfront tal-attrici .

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------